A.L. 167 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - in Social Policy or in Social Work taħt il-patroċinju tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – in Social Policy or in Social Work taħt il-patroċinju tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) – B.A.(Hons) – in Social Policy or in Social Work, kif xieraq;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – in Social Policy or in Social Work, kif xieraq; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għall-Għoti tar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) fis-Social Policy jew fis-Social Work jingħata bħala qasam ta' studju Ewlieni bl-Unuri.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita'.

(2) L-applikanti li għandhom id-Diploma in Social Work mogħtija minn din l-Universita', jew xi kwalifika komparabbli f'qasam relatat mas-Social Work jew mas-Social Policy jew li jkunu kisbu xi kredti għall-taqsimiet studju kkunsidrati mill-Bord bħala ekwivalenti għal dawk fil-Kors jistgħu jidħlu fil-Kors ukoll. Suġġett għall-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali, dawn l-applikanti jistgħu jitħallew mill-Bord jittrasferixxu dawn il-kredti fil-Kors. L-għadd ta' kredti li jiġu trasferiti b'dan il-mod m'għandux jaqbeż dak li jista' jinkiseb f'sena tal-Kors.

It-Tul tal-Kors

5. (1) Il-Kors jinfirex fuq medda ta' erba' snin ta' studji fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tagħhom fuq bażi *part-time*.

(2) L-istudenti li jidħlu skond il-provvedimenti tal-paragrafu (2) ta' l-ordinament 4 jistgħu jispiċċaw il-kors ta' studji tagħhom f'medda ta' tlett snin ta' studji fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

6. L-istudenti kollha huma meħtieġa l-ewwel jirreġistraw għall-Bachelor of Arts (Honours) fis-'Social Policy or Social Work'.

7. (1) Il-Kors jikkonsisti f'żewġ partijiet: l-Ewwel Parti u t-Tieni Parti.

(2) L-Ewwel Parti tinfirex fuq medda ta' sena li għaliha hemm 60 kredtu assenjati. Tinkludi taqsimiet studju bażiċi fis-Social Sciences u *pre-placement* assenjat erba' kredti, li għandhom jittieħdu mill-istudenti kollha.

(3) It-Tieni Parti tinfirex fuq medda ta' tlett snin.

8. (1) Fl-aħħar ta' l-Ewwel Parti, l-istudenti jkunu meħtieġa jagħżlu s-Social Policy jew is-Social Work bħala qasam ta' studju.

(2) L-istudenti jitħallew jagħżlu s-Social Work bħala l-qasam ta' studju tagħhom jekk ikunu ġabu marka ta' mhux anqas minn 65% fil-*pre-placement* fl-Ewwel Parti tal-Kors.

9. It-Tieni Parti tal-Kors tinfirex fuq medda ta' tlett snin u tinkludi taqsimiet studju obbligatorji u elettivi, li għalihom hemm assenjati 180 kredtu. Dawn jinkludu l-kitba ta' dissertazzjoni ta' 12,000-15,000 kelma. Id-dissertazzjoni għandha tinkiteb skond il-kriterji stabbiliti mill-Bord. L-aħħar sena tal-Kors għandha tinkludi taqsima studju sinottika li għaliha hemm assenjati 20 kredtu.

Il-Programmi ta' Studji

10. Il-Bord għandu jippubblika l-programmi ta' studji mfassla skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u approvati mis-Senat. Suġġett għall-approvazzjoni mis-Senat, il-Bord jista' jagħmel it-tibdiliet neċessarji fil-programmi ta' studji u fit-taqsimiet studju meħtieġa għall-Grad kif ikun hemm bżonn.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

11. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fl-erba' snin tal-Kors li jkollhom dan il-piż:

Marka Medja ta' l-Ewwel Sena	10%
Marka Medja tat-Tieni Sena	20%
Marka Medja tat-Tielet Sena	20%
Marka Medja tar-Raba' Sena	50%.